## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni Grixti LL.M., LL.D

**Appell Numru 585/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Simon Desira**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2020

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Simon Desira (ID 492496(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Marzu 2016 għall-ħabta tal-17.30 fi Triq ix-Xintill Tarxien: 1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra KAQ 531 Toyota li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi; (Kap 65 artikolu 15A (1)); 2)Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina ikun iżjed mil-limitu preskritt; (Kap 65 srtikolu 15B (1)); u 3) Saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra, li kienet

fit-triq jew f'post pubbliku meta kellu l-alkoħol f'ġismu u b'hekk għamel reat għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja (Kap 65 Artikolu 15C(a))

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan tiegħu għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2016 li biha l-Qorti, wara li rat li t-tielet "akkuża" ma hix offiża fil-liġi u għalhekk qatt ma setgħet tkun magħmula, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' €1500 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100 fix-xahar bid-data ta' l-ewwel pagament ssir fl-1 ta' Frar 2017 b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih, u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor. Il-Qorti ukoll issospendiet il-liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur b'seħħ mill-għada tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Simon Desira intavolat fid-9 ta' Diċembru 2016 li bih l-appellant talab li s-sentenza tkun **imħassra** u rrevokata fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement ikun liberat minn kull ħtija u piena u tikkonfermaha fir-rigward tat-tielet akkuża ossia li l-istess akkuża mhix offiża skont il-Liġi;

Rat l-aggravji tal-Appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

.

Semgħet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami singolari li mill-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti ma setax jinsab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Kwantu ghall-imputazzjonijiet, l-appellant josserva illi l-ewwel Qorti kienet iddikjarat illi t-tielet wahda ma tistax titqies bhala reat u ghalhekk meta l-Qorti ddikjaratu hati tal-akkuzi (recte: imputazzjonijiet) kienet qed taghmel hekk biss dwar l-ewwel u t-tielet wahda;

2. Din l-ahhar osservazzjoni timmerita li tkun trattata *in primis* sabiex jkun deciz jekk l-htija, u allura l-appell inniffsu u din is-sentenza, jestendux fuq it-tielet imputazzjoni jew le. F'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti ddikjarat hekk: "*Rat illi t-tielet akkuza ma hix offiza fil-ligi u ghalhekk qatt ma tista tigi maghmula*" . Issa, apparti jekk l-ewwel Qorti kienitx korretta jew le f'din id-dikjarazzjoni, l-istess dikjarazzjoni hi li hi u huwa evidenti ghalhekk illi l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u li s-sejbien ta' htija kien fil-konfront biss tal-ewwel u t-tieni wahda;

3. Dak illi ma kienitx korretta fih l-ewwel Qorti hu li astjeniet, anke jekk mhux fi kliem daqstant car, milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni meta kellha teknikament tillibera lill-imputat minnha la darba ma kienitx irtirata mill-prosekuzzjoni. Issa l-Avukat Generali ma appellax dwar dan u ma jidhirx li dan in-nuqqas ghandu jkun konsiderat mill-ottika ta' nullita' tas-sentenza. Madankollu, din il-Qorti ma tistax tinoltra fl-istess zball u ghalhekk ser tghaddi biex tirrimedja dwar dan fl-ahhar tas-sentenza hi stess.

4. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li fid-data u l-hin indikat *supra,* sid ta' vettura pparkeggjata kien appena infurmat li vettura ohra kienet habtet f'tieghu. Meta nizel jara x'gara ra lill-tlett persuni, inkluz l-imputat, jimbuttaw il-vettura l-ohra fejn allura ssejhet il-Pulizija li ghamlet test ghall-konsum tal-alkohol fuq l-imputat. Il-provi huma s-segwenti;

5. Permezz ta' affidavit, PS 1220 V.Baldacchino qal li mar fi Triq ix-Xintill, Tarxien biex jagħmel breathalyser test. Hemm sab lil Simon Desira, għarraf lill-appellant bid-drittijiet tiegħu, għamel il-breathalyser test u rriżulta 79.3 ug/100ml. L-appellant iffirma kopja tar-riżultat. PS 192 Ramon Godano ukoll xehed permezz ta' affidavit u qal li fuq il-post sab lil sid il-vettura HBI 445 tal-għamla Toyota Auris ta' ċertu Matthew Lanzon ID 98295 (M). Sab il-vettura bin-numru KAQ 531 fejn ix-xufier tagħha kien ċertu Simon Desira li kien daħal ġol-vettura bin-numru HBI 445. Desira kien qed jgħajjat u jparla fil-vojt u kellu jkun imrażżan mill-Pulizija u sarlu breathalyser test biss;

6. Matthew Lanzon xehed illi missieru kien sema' ħabta, għajjatlu u sab il-karozza tal-imputat mahbuta f'tiegħu li kienet parkeggjata f'kaxxa bil-linji. Meta nizel ra lill-imputat u zewg persuni ohra jimbuttaw il-vettura tal-imputat. Din kellha daqqiet fuq wara u fuq quddiem u dik tal-imputat kellha daqqa fuq quddiem, kienet bla pjanci u bla bibien. Meta kellem lill-imputat qallu li kien hu li habat izda mhux hu li ghamillu l-hsara fuq quddiem. Il-vettura tax-xhud kienet "total loss" u l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsarat;

7. Mill-okkorrenza esebita mill-prosekuzzjoni jemergi illi l-vettura tappartjeni lill-imputat filwaqt li l-vettura li sofriet id-danni hija tax-xhud Matthew Lanzon;

8. L-appellant mhux qed jikkontesta l-fatt li sehhet habta u wisq anqas ir-rizultat tat-test tan-nifs. L-ilment tieghu hu li ma tressqet l-ebda prova li hu kien qed isuq il-vettura in kwistjoni li spiccat mahbuta f'dik tax-xhud u dan ukoll ghaliex hadd ma ra l-incident isehh. Huwa jikritika s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn ikkonkludiet illi "*... ghalkemm ma hemm ebda xhud illi l-vettura kien qed jsuqha hu, kien attwalment hdejn il-vettura tieghu, wara l-incident illi kellu mal-vettura ta' Mattew Lanzon u ghalhekk ma hemm ebda dubju li l-akkuzat kien qed jsuq il-vettura*". L-appellant ghalhekk hu tal-fehma illi l-ewwel Qorti sabet htija fuq provi indizzjarji u ghalkemm dan hu permess, tali provi jridu jkunu wasslu ghall-konkluzzjoni wahda u wahda biss;

9. Dwar il-provi ċirkostanzjali l-Qorti tajjeb li ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 ta'

Mejju 2014 (Appell Kriminali 275/2013) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Cyrus Engerer' fejn kien ritenut:

*'Illi l-ewwel u qabel kollox tajjeb li ssir analiżi ta' xi ġurisprudenza f'pajjiżna kif ukoll għal xi ġuristi Ingliżi li daħlu fl-analiżi tal-prova ċirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analiżi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiġġudika sabiex jiġi stabbilit jekk il-provi ċirkostanzjali humiex univoċi.*

*Fil-każ fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti: 'Il-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda...biex prova indizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.*

Fil-każ fl-ismijiet 'Pulizija v Paul Grech' deċiza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 2001 intqal illi :

'*Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu suffiċjenti biex inisslu*

*konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat.*

Anki fil-każ 'Il-Pulizija v James Abela' deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Lulju, 2002 ġie ddikjarat illi :

*'In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-ġudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed ċerti konkluzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" iżda dwar dak li fid-dottrina Ingliża jissejħu "presumptions of fact"....F'materja ta' inċidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistgħu ikunu biss soġġettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bżonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bħal kull prova indiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għall-konklużjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-ħtija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkużat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi ċirkostanzjali jirriżultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinċiment morali tal-*

*ġudikant sal-grad rikjest fil-proċess penali tirriżultax ħtija ta' sewqan ħażin'.*

Finalment fis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada' datata 15 ta' Mejju 2009, ġie ddikjarat illi '*L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni li ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoċi'.*

Harsa imbaghad lejn il-ġuristi Ingliżi, senjatament Pollock C.B2 fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita' tagħha kien osservat hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of . Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice). '*

A fol 13 tas-sentenza il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet b'mod ċar '*Jibda biex jingħad li l-Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-Appell tiegħu għamel enunċjazzjoni korretta, b'ġurisprudenza u awturi għall-kunċett ta' provi ċirkostanzjali u l-effett probatorju tagħhom għall-fini ta' ħtija mingħajr dubju dettat mir-raġuni. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tagħmel pjena referenza u għalhekk ir-referenzi kienu addottati mill-Qorti tal-Appell Kriminali. U kompliet issaħħaħ dan b'referenza għal sentenza oħra fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti ' tat-3 t'Ottubru 2013 fejn ukoll il-każ kien ibbażat fuq provi ċirkostanzjali.*

10. Wara dawn il-konsiderazzjonijiet jokkorri jkun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija. Huwa minnu illi l-fatt illi "*l-akkuzat ... kien attwalment hdejn il-vettura tieghu, wara l-incident* " mhix <u>wahida</u> prova indizzjarja sufficjenti li tregi daqshekk b'sahhitha li tinkrimina lill-imputat. Osservat dan, izda, jibqa' l-fatt illi ghalkemm ix-xhud ra zewg persuni ohra jimbuttaw il-vettura, meta waslu l-Pulizija dawn ma kienux hemm u kien hemm biss sid il-vettura li huwa l-imputat; l-imputat stess ddikjara max-xhud li kien hu li habat mal-vettura tieghu u kien l-istess imputat li ssalda l-ammont ta' hsarat subiti mix-xhud li sofra "total loss" tal-vettura;

11. Issa jista' jkun hemm provi indizzjarji kontrarji li jghinu favur l-appellant izda minn dawn ma tressqet ebda wahda minnhom u ghalhekk jibqghu mhux kontradetti l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Minn dan kollu ghalhekk tirrizulta l-htija kontra l-imputat kwantu l-ewwel u t-tieni

imputazzjoni u din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-decizzjoni tal-ewwel Qorti;

12. Kwantu t-tielet imputazzjoni, u kif intqal *supra* wara d-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti, l-imputat kellu jkun liberat u ghalhekk ser tghaddi biex tiddikjarah mhux hati tat-tielet imputazzjoni;

11 Għal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu s-sejbien ta' htija fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni u kwantu il-piena erogata pagabbli ratealment bl-ewwel pagament isir fl-ewwel ta' Novembru u fl-ewwel ta' kull xahar minn hemm 'l quddiem. Tikkonfermaha ukoll kwantu s-sospenzjoni tal-licenzja li hija hekk sospiza minn nofs il-lejl tal-lum u tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**